



*Kumitat għall-Affarijiet Legali
Il-President*

25.1.2019

Is-Sur Claude Moraes
Il-President
Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni fil-forma ta' ittra dwar l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Eurojust tal-Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Georgia (2018/0813(CNS))

Sur President,

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali, li jiena qed nipresjedi, ġie mitlub jippreżenta opinjoni lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern fir-rigward tad-deċiżjoni dwar l-abbozz ta' Ftehim dwar il-Kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Georgia (2018/0813(CNS)). Is-Sa Joëlle Bergeron inġatret rapporteur għal opinjoni. Għal raġunijiet relatati mal-iskadenzi għall-adozzjoni tar-rapport fil-kumitat tiegħek, il-Kumitat għall-Affarijiet Legali ddeċieda li jibgħat l-opinjoni tiegħu fil-forma ta' ittra.

Din id-deċiżjoni tapprova l-Ftehim ta' Kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Georgia (il-"Ftehim") biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata serja u l-korruzzjoni. Il-Ftehim jinkludi dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' data personali. Ġie approvat mill-Kulleġġ tal-Eurojust fl-20 ta' Settembru 2018.

B'mod konformi mal-Artikolu 26a(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2002 li tistabbilixxi l-Eurojust, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/426/ĠAI tas-16 ta' Diċembru 2008, hija r-responsabbiltà tal-Kunsill li japprova il-ftehimiet konklużi mill-Eurojust ma' pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26a iridu jiġu ssodisfati. Il-Parlament għandu jiġi kkonsultat dwar din l-approvazzjoni.

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jemmen li l-kooperazzjoni operattiva tal-Eurojust mal-Georgia hija meħtieġa biex tiġi miġġielda l-kriminalità transnazzjonali u tissaħħaħ il-

kooperazzjoni ġudizzjarja fl-Ewropa. Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jappoġġa l-Ftehim u, wara skambju ta' fehmiet bejn il-koordinaturi permezz ta' proċedura bil-miktub u wara l-adozzjoni tal-opinjoni fil-laqgħa tat-23 ta' Jannar 2019¹, għalhekk jipproponi l-approvazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill mingħajr emenda. Il-Kumitat jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jipproponi l-approvazzjoni tal-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Eurojust tal-ftehim dwar il-kooperazzjoni bejn il-Eurojust u l-Georgia.

Nittama li dan se jagħti kontribut utli għar-rapport abbozzat mill-Kumitat tiegħek.

Dejjem tiegħek,

Pavel Svoboda

¹ Dawn li ġejjin kienu preżenti għall-votazzjoni finali: Pavel Svoboda (President), Lidia Joanna Geringer de Oedenberg (Viċi President), Jean-Marie Cavada (Viċi President), Mady Delvaux (Viċi President), Max Andersson, Marie-Christine Boutonnet, Pascal Durand, Rosa Estaràs Ferragut, Enrico Gasbarra, Sajjad Karim, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Gilles Lebreton, António Marinho e Pinto, Angelika Niebler, Julia Reda, Evelyn Regner, Virginie Rozière, József Szájer, Axel Voss, Tiemo Wölken, Francis Zammit Dimech, Tadeusz Zwiefka, Kosma Złotowski, Luis de Grandes Pascual, Lola Sánchez Caldentey (għal Kostas Chrysogonos skont l-Artikolu 200(2)).